# IL-FESTA TA' MARIJA, OMM IL-KNISJA

L-għada ta' Għid il-Ħamsin, il-Knisja se tibda tiċċelebra l-festa ta' Marija, Omm il-Knisja. Din id-deċiżjoni li ħa Papa Franġisku għandha l-għeruq tagħha fl-Iskrittura u fit-tradizzjoni antika tal-Knisja.

Fil-Kotba Mqaddsa naraw lil Marija wieqfa taħt is-salib ta' binha (Ġw. 19:25) u hemmhekk issir Omm il-Knisja, meta tilqa' t-testment ta' mħabba li għamel Ġesù bil-kliem: *'Mara, hawn hu ibnek.'* Fid-dixxiplu l-maħbub hija laqgħet ukoll lill-bnedmin kollha mwielda għall-ħajja ta' dejjem.

Santu Wistin jgħid li Marija hija omm il-membri ta' Kristu għax b'imħabba, hija kkooperat mat-twelid mill-ġdid tal-fidili fil-Knisja filwaqt li San Iljun il-Kbir jikteb li t-twelid tar-ras tal-Knisja, jiġifieri ta' Ġesù, huwa wkoll it-twelid tal-ġisem. B'hekk juri li Marija hija kemm Omm Kristu, l-Iben ta' Alla, kif ukoll omm il-membri tal-Ġisem mistiku tiegħu, il-Knisja.

Lil Marija nsibuha wkoll titlob, qalb waħda, flimkien mal-appostli u ma' xi nisa, huma u jistennew l-inżul tal-Ispirtu s-Santu (Atti 1:14), dak l-istess Spirtu li l-anġlu Gabrijel semma meta ħabbrilha li kellha ssir omm il-Messija.

Marija u l-Knisja huma ħaġa waħda; ma nistgħux inħobbu tassew lil Marija jekk imbagħad nagħżlu li ninqatgħu mill-komunità li titlob flimkien. Marija tibqa' tieħu ħsieb u tħares, bl-imħabba tagħha ta' omm, lill-knisja fil-mixja tagħha lejn is-sema.

Permezz ta' din il-festa, il-Papa Franġisku jittama li d-devozzjoni lejn Marija tkabbar is-sens matern tal-Knisja fis-saċerdoti, fir-reliġjużi u f'dawk kollha li jemmnu sabiex fil-Knisja, wieħed iħossu milqugħ u maħbub.




Ejjew nitolbu lil Marija biex tħares u tbierek lill-Knisja u biex iġġedded fina l-ħeġġa u l-impenn tagħna fi ħdan il-komunità ta' dawk li jemmnu. Tkun ħaġa xierqa wkoll li matul dan ix-xahar, niskopru s-sbuħija tat-talba tar-Rużarju, u nlissnu ta' spiss.

**Marija, Omm il-Knisja, itlob għalina.**
**Sultana tar-Rużarju Mqaddes, itlob għalina.**



PARROĊĊA TA' ĦAL SAFI
KONVERŻJONI
TA' SAN PAWL
Tel: 21 649 223





# L-E.T. ARĊISQOF TA' MALTA MONS. CHARLES J. SCICLUNA F'VIŻTA PASTORALI F'ĦAL SAFI

## *Mis-Sibt 5 sat-Tnejn 7 ta' Mejju 2018*

***Tħabbira u Preparamenti***
Kif smajtuni nħabbar fl-avviżi tal-15 ta' April, l-Arċisqof tagħna, l-E.T. Mons. Charles J. Scicluna ser jiġi fostna, għall-viżta pastorali fil-parroċċa tagħna.

Bħala Kappillan sa' minn meta tħabbret il-Viżta beda jkolli diversi laqgħat mal-Delegati tal-Arċisqof fejn stajna niddiskutu s-sitwazzjoni tal-parroċċa, xi diffikultajiet, u kif din tista' tiffunzjona aħjar, waqt li nagħmlu l-preparazzjoni xierqa għal din iż-żjara.

***L-Għan tal-Viżta Pastorali***
L-Arċisqof ser jiltaqa' magħna biex bħala komunità nisranija jimliena bil-moral u jħeġġeġ fina dik ix-xrara ta' fidi li darba tnisslet ġewwa fina fil-Magħmudija. Tajjeb li nwieġbu għal din iż-żjara ta' 3 ijiem bil-preżenza tagħna għal dawk il-laqgħat li ser ikollna miegħu kemm kbar kif ukoll żgħar ħalli nuru li aħna komunità ħajja. Din l-istennija u entużjażmu għandhom jgħinnu biex il-Viżta Pastorali fir-raħal tagħna tkun okkażżjoni ta' qawmien spiritwali u pastorali.

Il-kooperazzjoni ta' kull membru f'din l-esperjenza speċjali għandha tgħin biex din iż-żjara timla bil-kuraġġ lil min għandu għal qalbu lill-parroċċa tagħna u jara li jagħti l-ħin b'tant sagrifiċċju u dedikazzjoni kontinwa biex tkun waħda ħajja tassew.

***Fhiex ser tkun tikkonsisti l-Viżta***
Ta' inkoraġġiment għandhom ikunu l-laqgħat li l-Arċisqof ser ikollu mal-operaturi pastorali, mas-soċjetà ċivili u l-pubbliku, maż-żgħażagħ u l-adoloxxenti, mat-tfal u l-katekisti f'quddiesa apposta għalihom, kif ukoll mat-tfal u l-għalliema tal-Iskola Primarja.

Li hu żgur hu li aħna rridu nkunu umli biżżejjed u nħallu lill-Arcisqof jgħarrafna bis-sabiħ u bid-diffikultajiet tal-parroċċa, kif ukoll ifiehmna u jurina l-irwol tal-parroċċa u s-sehem ta' kulħadd, speċjalment tal-lajċi, fl-aħjar direzzjoni għaż-żmien li qed ngħixu fih.

*... ikompli paġna 3*

# ID-DJARJU TAL-PARROĊĊA
# Ħal Safi - Mejju 2018

It-Tlieta 1 ta' Mejju — **San Ġużepp Ħaddiem**

Il-Ġimgħa 4 ta' Mejju — **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**
Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom
Fis-6:30pm - Quddiesa
Fis-7:00pm - Adorazzjoni

Is-Sibt 5 ta' Mejju — **Viżta Pastorali fil-Parroċċa tagħna – JUM 1**
**tal-Arċisqof ta' Malta**
**l-E.T. Mons. Charles J. Scicluna**
Fis-5:45pm - Qrar mill-Arċisqof fil-knisja
Fis-6:30pm - Quddiesa ċċelebrata mill-Arċisqof
animata mill-Kor 'Sine Macula'
*(Mistiedna speċjali huma l-Operaturi Pastorali:*
*K.P.P., Kummissjonijiet, Għaqdiet, Fratelli, Kor, eċċ.)*
Fit-7:45pm - Laqgħa tal-Arċisqof
sad-8:45pm mal-Operaturi Pastorali fil-Museum Subien.

Il-Ħadd 6 ta' Mejju — **Is-Sitt Ħadd tal-Għid**
**Viżta Pastorali fil-Parroċċa tagħna – JUM 2**
**tal-Arċisqof ta' Malta**
**l-E.T. Mons. Charles J. Scicluna**
Fid-9:15am - Qrar mill-Arċisqof fil-knisja
Fl-10:00am - Quddiesa ċċelebrata mill-Arċisqof
(*Mistiedna speċjali huma t-Tfal,*
*l-Adolexxenti, l-Ġenituri, u l-Katekisti)*
Fil-11:30am - Laqgħa tal-Arċisqof mal-Kunsill Lokali
san-12:30pm u Membri tas-Soċjetà Ċivili
fis-Sala tal-Każin San Pawl.
Fil-5:30pm - Żjajjar lil 3 realtajiet familjari
Fis-7:30pm - Laqgħa tal-Arċisqof maż-Żgħażagħ
sat-8:30pm fis-Sala Pietru Pawl Busuttil
tal-Kunsill Lokali.

It-Tnejn 7 ta' Mejju — **Viżta Pastorali fil-Parroċċa tagħna – JUM 3**
**tal-Arċisqof ta' Malta**
**l-E.T. Mons. Charles J. Scicluna**
Fl-10:15am - Waqfa u ħin qasir ta' talb u adorazzjoni,
fil-knisja ta' Santa Marija.
Fl-10:30am - Żjara tal-Arċisqof fl-Iskola Primarja
ta' Ħal Safi.
Fil-12:15pm - Żjara tal-Arċisqof lis-Sorijiet Dumnikani
fil-Kunvent u ħin ta' talb fil-kappella
magħhom.



# ID-DJARJU
# *ikompli ...*

It-Tlieta 8 ta' Mejju — **Tifkira tal-Madonna ta' Pompej**
Fil-11:15am - Rużarju
Fil-11:30am - Quddiesa,
li tagħlaq bis-Supplika lill-Madonna
u tingħata il-Barka Sagramentali

L-Erbgħa 9 ta' Mejju — **Festa ta' San Ġorġ Preca**
Fis-6:30pm - Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali
animata mill-membri tal-MUSEUM.

Il-Ħadd 13 ta' Mejju — **It-Tlugħ tal-Mulej fis-Sema – Lapsi**
Jum Dinji tal-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali.
***– Jum l-Omm***
Fis-6:00pm - Quddiesa fiċ-Ċimiterju
*(u mhux fil-knisja parrokkjali)*

Il-Ħadd 20 ta' Mejju — **Għid il-Ħamsin – Pentekoste**
Fit-8:15am - Quddiesa li fiha jiġu ppreżentati dawk
li ser jagħmlu l-Griżma tal-Isqof

Il-Ħadd 27 ta' Mejju — **Festa tat-Trinità Qaddisa**
Fl-10:00am - Quddiesa li fiha tiġi ċċelebrata
l-Ewwel Tqarbina

---



***Twieldu mill-ġdid bil-Magħmudija***
Matteo Cutajar
Evelynn Marie Liddell

---- o ----



***Ingħaqdu fiż-Żwieġ***
Keith Tufigno u Janelle Caruana
Paul Bonnici u Deborah Pace
Bjorn Pace u Cherise Attard

---- o ----



***Daħlu fil-Ħajja ta' Dejjem***
Maria Caruana

***Nitolbu għalihom!***



*... minn paġna 1*

***Viżta li għandha tħalli l-frott mixtieq mill-Mulej fostna***

Finalment, il-Viżta Pastorali ser toffri l-opportunità biex min jixtieq, kemm min għandu interess, u kemm min iħossu imbiegħed, imwarrab jew biered, ikun jista' jiltaqa' mal-Arċisqof u jkollu esperjenza aktar mill-qrib tiegħu.

Biss, ejjew nitolbu lill-Ispirtu Qaddis ħalli jkompli jġeddidna u jaħdem fina bl-istess mod kif ħadem fl-Appostli biex f'kull aspett tal-Viżta jsir il-ġid u biex b'din l-esperjenza nagħrfu aktar nħallu lil Alla jwettaq dak li jrid minna u jixtieq jara fostna.